# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011    Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url* : ***www.mgarr.gov.mt***


## Seduta numru 12. Illum it-Tlieta, 9 ta' Marzu 2010

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Gunju 2009, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.15p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Offerta gdida ghal Gbir ta' Skart Domestiku
Analizi dwar Gieh l-Imgarr
Festa Frawli 2010
Applikazzjoni ghal Skema ta' Finanzjament ghal Lokalitajiet Sostenibbli

Affarijiet Mixxellanji

**PREZENTI**

Is-Sindku Paul Vella, il-Vici Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said

Is-Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku Paul Vella

**MINUTI**

**<u>1.0 Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

1.1 Il-Minuti gew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni gew approvati kif ipprezentati u ghalhekk ffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

**<u>2.0 Korrispondenza</u>**

2.1 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghat-trinka fi Triq is-Santi.

2.2 Il-Kunsill innota l-approvazzjoni mis-Segretarjat Parlamentari ghaz-zghazagh u Sport ghall- inizzjattiva sportiva ghal ammont ta' € 750.

2.3 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghat-talba li ghamel sid ir-ristorant Sunny Bar, biex jestendi l-bankina fi Triq Wesghat il-Gublew.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

2.4 Il-Kunsill qabel li jgib stima ghal-linji sofor fi Triq il-Kbira.

2.5 Il-Kunsill innota l-Memo 37/2010 dwar il konferenza nazzjonali dwar il-Gemellaggi u saret diskussjoni dwarha. Il-Vici Sindku Eman Vella se jikkomunika mal-lokalita ta' Mathi dwar din il-materja.

2.6 Il-Kunsill qabel li jorganizza l-kors dwar it-tqandil tal-persuni anzjani mill-kumpanija Caremalta ghall-prezz ta' € 150. Il-Kunsill se jistudja l-possibilita li jorganizza kors dwar id-dimensja b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Sahha.

2.7 Il-Kunsill innota l-korrispondenza mid-Dipartiment dwar il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill, li giet f'qaghda negattiva minhabba l-ammont ta' flus li ntefaq fuq l-estensjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jistenna sakemm tigi l-approvazzjoni ghas-self tal-bank biex jillesti l-estensjoni tal-Kunsill.

2.8 Il-Kunsillier Maria Said giet skuzata mil-laqgha f'dan il-hin, 6.45p.m.

**3.0 Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku nforma li l-Kumitat ghall-Infurzar Lokali tat-Tramunana se jixxolja fl-ahhar ta' Marzu 2010. Huwa qal li qed jigu studjati l-materji amministrattivi biex ikun hemm kontinwazzjoni bejn il-kumitat precedent u s-sistema l-gdida li se tigi in vigore. Huwa talab lill-Eman jispjega x'intqal dwar dan fil-laqgha tas-Sindki.

3.2 Il-Vici Sindku Eman Vella tkellem dwar il-punti li gew diskussi fil-laqgha tas-Sindki fosthom qal li kien hemm qbil li l-Ufficcju tal-Kumitat dwar l-Infurzar Lokali jibqa' jopera mill-Ufficcju Kongunt f'San Pawl il-Bahar, li hemm hsieb li l-ftuh ta' l-Ufficcji regjonali jifthu s-Sibt u numru ta' risponsabilitajiet li se jkollhom l-Ufficcji Regjonali.

**4.0 Offerta gdida ghal Gbir ta' Skart Domestiku**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-offerta gdida ghall-gbir ta' skart u kien hemm qbil li tohrog l-offerta gdida. Giet diskussa l-possibilita li jitnaqqsu l-granet li fihom jingabar l-iskart domestiku.

4.2 Is-Sindku propona li jizdiedu numru ta' Bring In Sites madwar ir-rahal.

4.3 Il-Kunsillier Clayton Gauci propona li ssir laqgha pubblika biex ir-residenti jigu nfurmati bit-tibdil ta' dan is-servizz.

4.4 Il-Kunsill qabel li jitpoggew numru ta' skips f'dawn il-hamlets; Skorvit, Santi, Abatija, Bingemma, Ballut, Palma, Bokka tac-Carcara, Sqaq in-Nahar u Gnien Ghajntuffieha (500ml).

4.5 Kien hemm qbil li jitqassmu fuljetti nformattivi dwar l-iskart li jista' jingabar u nformazzjoni dwar l-iskart separat.

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*


4.6 Il-Vici Sindku qal li se jsir studju mas-settur kummercjali fuq dan is-suggett.

4.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill se jaghmel arrangamenti biex isir ftehim mas-settur kummercjali u agrikolu.

4.8 Il-Kunsillier Maria Said kienet lura fil-laqgha f'dan il-hin, 7.30p.m.

**5.0 Analizi dwar Gieh l-Imgarr**

5.1 Is-Sindku ppropona li ssir laqgha ghal dawk li ircevew l-Unur Gieh Mgarr, biex jigi spjegat lilhom dwar il-funzjoni taghhom.

5.2 Il-Kunsillier Clayton Gauci qal li l-Kumitat Zghazagh ta sehem kbir waqt is-Serata. Il-Vici Sindku Eman Vella propona li jsir uzu ta' l-awdjoviziv waqt il-prezentazzjoni ta' l-Unur Gieh l-Imgarr.

5.3 Is-Sindku qal li ghal din l-okkazjoni inbidlu madwar 42 tubi fl-iskola primarja li kienu maqtugha.

5.4 Il-Kunsill se jigbor stimi ghal projector ghas-sala ta' l-iskola primarja.

5.5 Il-Kunsill kien kuntent bil-partecipazzjoni tal-Banda Jolanda fl-okkazjoni ta' Gieh l-Imgarr.

**6.0 Festa Frawli 2010**

6.1 Il-Festa Frawli ta' din is-sena se ssir fil-11 ta' April fil-Pjazza. Il-Kummissjoni Lejla Mgarrija bdiet tiltaqa' dwar din l-attivita. Il-laqghat qed isiru kull nhar ta' Hamis.

6.2 Il-Kunsillier Clayton Gauci prezenta ittra mill-Kummissjoni Palk, li kienu urtati ghax ma gewx infurmati dwar id-data ta' Festa Frawli.

6.3 Is-Sindku qal li l-attivitajiet se jitqassmu kemm fuq iz-zuntier kif ukoll taht.

**7.0 Applikazzjoni ghal Skema ta' Finanzjament ghal Lokalitajiet Sostenibbli**

7.1 Il-Vici Sindku Eman Vella tkellem dwar l-applikazzjoni ghal skema ta' finanzjament ghal-lokalitajiet sostenibbli. Huwa ppropona sistema ta' skart organiku fejn jingabar l-iskart tal-lokalita, kemm organiku u kemm agrikolu, permezz ta' composting. Huwa tkellem dwar proposta li tahdem permezz ta' dud li jieklu kull tip ta' skart u minnu johrog il-kompost. Huwa qal li se jkompli jikteb id-dokument biex jigi pprezentat sa l-ahhar ta' Marzu.

7.2 Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

**Kunsill Lokali Mgarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url* : ***www.mgarr.gov.mt***

**8.0 Affarijiet Mixxellanji**

8.1 Is-Sindku attenda ghal Business Breakfast organizzat mit-TCTC dwar il-korsijiet tal-kompjuter ghall-Kunsillieri u haddiema klerikali. Huwa saqsa jekk hemmx interess u l-Kunsill qabel li jibghat persuna ghal dan il-kors.

8.2 Is-Sindku propona li jsir kors tal-First Aid, mis-St. John Ambulance fix-xhur li gejjin. Il-Kunsill qabel.

8.3 Il-Vici Sindku Eman Vella qed jikkordina ma' persuna biex ihejji korsijiet dwar herbs and spices fil-Kunsill.

8.4 Is-Sindku ltaqa' mas-Sur Mark Causon, mill-kumpanija Europe Direct dwar proposti ta' progetti ta' l-Unjoni Ewropeja. Huwa tkellem dwar il-proposti ta' l-EU li huma disponibbli bhalissa taht il-progetti EU Italia-Malta. Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti mas-Sur Causon f'dan ir-rigward.

8.5 Is-Sindku nforma li gew identifikati erba' postijiet biex jigu rihabilitati permezz ta' tahwil ta' sigar endemic; Triq il-Karamelli, Triq il-Gnejna, Triq Ghajntuffieha u magemb il-grawnd tal-futbol. Se jingabru stimi ghal dan ix-xoghol.

8.6 Il-Kunsillier Clayton Gauci nforma li l-Kunsill Lokali Gharb qed jorganizza attivita ta' tug of war fid-19 u l-21 ta' Marzu. Huwa propona li jorganizza attivita ta' ghaxar persuni ghal din l-attivita. Il-Kunsill Lokali Gharb se jkopru l-ispejjez tal-vapur ghal partecipanti u prezz ridott fuq l-akkomodazzjoni. Il-Kunsill qabel li jorganizza din l-attivita. Il-Kunsillier Clayton Gauci se jikkordina din l-attivita.

8.7 Il-Kunsillier Clayton Gauci talab biex l-applikazzjoni ta' l-Urban Improvement Fund dwar il-bandli godda fil-pjazza tinghata prijorita biex ifittxu jinbidlu. Is-SIndku nforma li qed jikkonkludi d-disinn tal-bandli l-godda mal-Perit tal-Kunsill.

8.8 Il-Vici Sindku Eman Vella fakkar fl-artikli tal-Migbha. Gie propost li f'din l-edizzjoni jigu ntervistati tliet persuni li ghandhom konnessjoni mal-Imgarr, relatati mal-qasam ta' l-isport.

8.9 Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill ta possibilita li zewg persuni jiehdu sehem fil-progett ta' tahrig imsemmi Litus Go, li applika ghalih il-Kunsill Lokali Kirkop.

9.0 Il-Vici Sindku attenda ghat-tieni sezzjoni tan-Network Rurali u ta spjegazzjoni ta' din il-laqgha.

9.1 Il-Vici Sindku qal li hemm il-hsieb mill-Kummissjoni Palk li jhejju attivita imsemmija l-Qiegha tal-Qamh bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil li din l-attivita tigi abbinata mal-Huggiega ta' San Gwann, fil-25 ta' Gunju.

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url* : ***www.mgarr.gov.mt***

9.2 Il-Kunsill se jikteb ittra lill-Enemalta dwar il-problema ta' dawl fiz-zona ta' Fomm ir-Rih.

9.3 Il-Kunsill ra l-ilmenti mghoddija mill-pubbliku.

9.4 Il-Kunsill qabel li jixtri pompa submersible mill-kumpanija Zahra Enterprices Ltd.

9.5 Is-Sindku wera x-xewqa li jkun prezenti ghal Biolprize fil-lokalita ta' Bari bejn it-23 u s-27 ta' April, in konnessjoni mal-progett tal-Kunsill Biomed. Il-Kunsill qabel.

9.6 Il-Kunsillier Maria Said proponiet li ssir harga abbinata mal-festi ta' l-Ghid. Il-Kunsill qabel.

9.7 Il-laqgha ntemmet fl-9.45pm.

9.8 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 20 ta' April, fis-6.00p.m.

Dawn il-Minuti gew approvati u ffirmati nhar it-Tlieta, 20 ta' April 2010

***Sindku*** *: Paul Vella,* ***Vici Sindku*** *: Eman Vella*
***Kunsillieri*** *: Clayton Gauci, Giovanni Gatt, Maria Said*
***Segretarju Ezekuttiv*** *: Christine Lewis* ***Dip.Gen.Mgt.(MSM), MIM, PG Cert. in CSM (Leic.)***